**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 15-2015**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sinjura Joselle Camilleri – Membru u s-Sur Patrick Grima - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 ta' Lulju 2015.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Attivitajiet Sajf 2015.
3. Xogħlijiet fix-Xlendi.
4. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
5. Mistoqsijiet mill-membri.
6. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 14-2015.

**2.00 Attivitajiet Sajf 2015.**

2.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar l-attivitajiet li ser isiru fix-Xlendi. L-*event* Giochi Senza Frontiere – *It's a Knock Out!* ser issir fit-8 t'Awwissu 2015 iżda sa issa għadhom ma nstabux it-timijiet. Ġie deċiż li jsir sforz minn kull membru sabiex jiġu avviċinati żgħażagħ peress li persuna waħda biss applikat wara li tqassam avviż fid-djar kollha. Il-Kumitat kien ser jipprova li sat-3 t'Awwissu 2015 ikollu timijiet deċiżi.

## 3.00 Xogħlijiet fix-Xlendi.

3.01 Is-Sindku bdiet tagħti rendikont tax-xogħlijiet li saru mill-aħħar laqgħa sa issa fil-Bajja tax-Xlendi:

- Għalkemm il-bnadar għadhom ma twaħħlux mal-arbli, qed ikun irrakkomandat li l-arbli jinqalgħu minn posthom u jitpoġġew fuq il-bankina.
- Saru *stickers* ma' *litterbins* sabiex ma jpoġġux żibel mal-*bins* u *stickers* minħabba l-ħmieġ tal-klieb.
- Tħawlu pjanti fil-qsari u tpoġġew *pots* bil-fjuri quddiem iż-żewġ latrini tax-Xlendi.
- Fix-Xlendi saret żabra tal-bruk u qtugħ ta' ħaxix ħażin.
- Inbiddlu t-tabelli tax-Xlendi u twaħħlu l-*fairy lights* fil-passaġġ tax-xtajta u fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi.
- Saret laqgħa u *site inspection* mal-Perit Ivana Farrugia dwar ir-restawr tal-istatwa ta' Sant'Indrija. L-istatwa tniżżlet u sar pedestall bil-qatran minn taħt. L-istatwa kellha aktar ħsara milli kien maħsub. Ser jitwaħħal il-fanal.
- Is-Sindku attendiet għal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar it-tindif tal-iskall. Inbdiet il-proċedura mill-Fisheries Department sabiex jitpoġġew in-numri tad-dgħajjes u wara jitwaħħlu *stickers* biex ineħħu l-opri tal-baħar wara li jiskadi ż-żmien.
- Saret laqgħa mal-Inġinier Muscat dwar titjib fid-dawl tax-Xlendi. Qed ikun propost li jiżdiedu *floodlights* fil-*Parking* tax-Xlendi u jsir fanal qabel jibda t-taraġ li jagħti għall-Għar ta' Karolina. Ser jitwaħħlu żewġ fanali fi Triq San Xmun. Qed ikun studjat ukoll kif jista' jsir xi dawl fl-għar tas-sajjieda.
- Il-ħaddiema tax-Xlendi żdiedu sabiex jgħinu lill-*beach cleaners* u lill-kenniesa.
- Saru diversi laqgħat fosthom mal-Avukat Scerri dwar il-Mitħna Sotterranja u mal-Ministeru għal Għawdex dwar *skips* fil-*Parking* tax-Xlendi fejn ġie deċiż li l-iskips jitpoġġew f'kantuniera n-naħa tal-qasab.
- Saret laqgħa mas-Sur Salvu Mallia dwar *feature* fuq Ix-Xlendi. F'din il-laqgħa kienu preżenti ċ-*Chairperson* tal-Kumitat u s-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-*feature* ser jinkludi l-Mitħna, mixja, it-Torri u *diving*.
- Fix-Xlendi saret serata bi *group gospel* fejn ġiet amalgamata mal-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu. Il-Kumitat ser iħallas €155.45.
- Sar kuntratt mal-Ministeru għal Għawdex rigward il-Fjakkolata li ser issir kull nhar ta' Sibt fix-Xlendi mill-4 ta' Lulju 2015 sad-19 ta' Settembru 2015. Il-Kumitat/Kunsill ser jingħata s-somma ta' €2,000.
- Is-Sindku qiegħda f'kuntatt mal-Gozo Sports Board rigward Skola tal-Għawm fix-Xlendi. Il-kors ser ikun jikkonsisti f'sitt sessjonijiet għal tfal ta' bejn is-6 snin u t-12-il sena.

## 4.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien hemm *objection* dwar l-offerta sabiex il-passaġġ tax-Xlendi jinkesa biċ-ċangatura. Għaldaqstant dan ix-xogħol huwa *on hold*.

4.02 Il-Kumitat irċieva lment rigward ħasil tal-art minn sidien ta' stabbilimenti kummerċjali viċin ix-xtajta u qed jintefa' l-ilma maħmuġ fil-baħar. Il-Pulizija ġiet infurmata dwar dan l-abbuż sabiex tkellem lis-sidien.

4.03 Huwa ppjanat li l-bankijiet u *planters* tax-Xlendi jaslu fl-ewwel ġimgħa t'Awwissu 2015. Ġew ordnati 30 bank tal-*concrete* għall-passaġġ tax-xtajta, 15-il *pot* bis-siġar u 20 bank li huma magħmula minn materjal riċiklat.

4.04 Il-Kumitat ser jitlob lil Eco-Gozo sabiex iwaħħal tabelli fi Triq Ras il-Bajjada biex il-vetturi joqogħdu attenti minħabba l-qanfud li jista' joħroġ fit-triq.

4.05 Il-Kumitat irċieva kopja ta' ittra li ntbagħtet minn resident fi Triq ir-Rumani lill-Ministeru għal Għawdex rigward lampi maħruqa u t-tkomplija tal-bankini. Rigward lampi, dawn ġew irrappurtati lill-Enemalta Corporation u l-bankina trid issir mir-Roads Department peress li hija bankina ġdida.

4.06 Il-Kumitat irċieva talba mingħand Pirate's Galley u Talija Catering Ltd sabiex ipoġġu mwejjed quddiem l-istabbiliment tagħhom. Il-Kumitat ser joħroġ in-*no objection* bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

4.07 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand Hotel San Andrea fejn talbu permess sabiex jitpoġġa *bin on wheels* fil-*Parking* tax-Xlendi. Il-Kumitat ma jistax jagħti permessi sabiex jitpoġġew *skips* għal *swill* ta' stabbilimenti kummerċjali u għaldaqstant din it-talba ġiet irrifjutata.

4.08 Is-Segretarju Eżekuttiv elenka l-punti li tqajmu mill-Kunsill fil-laqgħa tal-Kabinett li saret is-sena l-oħra fir-Rabat, Għawdex. Il-Kumitat qed ikun mitlub sabiex jindika l-punti mqajma fiex waslu.

4.09 Il-Kumitat irċieva żewġ talbiet għal bankina fi Triq il-Puniċi. Dawn ser isiru wara li jitlesta x-xogħol ta' manutenzjoni tal-bajja.

**5.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

5.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**6.00 Materji oħra.**

6.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***